# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 26 ta' Jannar, 2023**

**Numru**

**Rikors Numru: 517/2013 TA**

**Giuseppi Sciortino, Caterina Gatt u Filippa Farrugia u b'digriet tal-4 ta' Jannar 2017 l-atti ġew trasfużi f'isem Raymond Farrugia (I.D.459162M), John Farrugia (I.D. 27561M), u Stephen Farrugia (I.D. 49373M), stante li ommhom Filippa Farrugia mietet fil-mori tal-kawża.**

**Vs**

**Alfred Sciortino**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-Atturi preżentata fil-31 ta' Mejju 2013 li permezz tagħha premettew u talbu s-segwenti:-

1. ''Illi l-kontendenti huma Ikoll aħwa Sciortino, ulied il-mejtin Francesco Saverio Sciortino u Angela Sciortino nee Cascun li mietu rispettivament fil-5 ta' Frar 1990 u fid-9 ta' Frar 1979.

2. Illi bis-saħħa tal-aħħar testmenti tagħhom, wieħed fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon tat-28 ta' Ottubru 1987 u l-ieħor *unica charta* fl-atti Nutar Jeanette Filippa Laferla Saliba tal-14 ta' Jannar 1979, Franceso Saverio Sciortino u Angela Sciortino innominaw b'eredi universali u padruni assoluti tal-ġid kollu tagħhom lill-kontendenti, flimkien, f'sehem indaqs u indiviżament bejniethom.

3. Illi konsegwentement, il-ġid kollu li kienu jippossjedu Francesco Saverio Sciortino u Angela Sciortino rispettivament fid-data tal-mewt tagħhom għadda

għand il-kontendenti, fis-sehem ta' kwart indiviż (1/4) kull wieħed u waħda minnhom.

4. Illi inoltre, bis-saħħa tat-testmenti fuq imsemmija, kemm Francesco Saverio Sciortino u anke Angela Sciortino ħallew ġid partikolari bi prelegat favur kull wieħed u waħda mill-esponenti.

5. Illi l-esponenti qablu li jimmettu lil xulxin fil-pussess tal-prelegati imsemmija, pero sal-lum il-konvenut baqa' ma resaqx biex jimmetti lill- esponenti fil-pussess tas-sehem tiegħu.

6. Illi inoltre, l-esponenti ilhom żmien li avżaw lill-konvenut li ma jridux jibqgħu jżommu in komun miegħu l-ġid provenjenti lilhom mill-wirt tal-ġenituri tagħhom, w interpellawħ kemm bonarjament u anke uffiċjalment biex jersaq għall-qasma.

7. Illi minkejja d-diversi laqgħat li saru bejn il-partijiet bl-intiża li jaslu, u minkejja d-diversi wegħdiet tal-konvenut li jikkopera, sal-lum huwa baqa' ma resaqx għall-qasma, u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni oħra li tirriżulta meħtieġa, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din il-Qorti jogħġobha;

1. Tillikwida l-assi creditarji rispettivi ta' Francesco Saverio Sciortino u Angela Sciortino;

2. Tikkundanna lill-konvenut jersaq għall-ħlas u l-konsenja lill-esponent Giuseppe Sciortino tal-prelegat tal-fond (54) Our Lady of Angels Street, Zebbuġ, bil-ġnien, kif deskritt fit-tielet artikolu tat-testment *unica charta* pubblikat min-Nutar Dottor Jeannette Laferla Saliba tal-14 ta' Jannar 1979;

3. Tikkundanna lill-konvenut jersaq għall-ħlas l-konsenja lill-esponenti Filippa Farruġia tal-prelegati tal-ġnien-aċċessibbli mill-fond (36) Triq Hali, Zebbuġ, u tan-nofs indiviż tal-għalqa Ta' Bajdun', fil-limiti ta' Haż-Zebbuġ, kif deskritti fir-raba' artikolu tat-testment *unica charta* pubblikat min-Nutar Dottor Jeannette Laferla Saliba tal-14 ta' Jannar 1979;

4. Tikkundanna lill-konvenut jersaq għall-ħlas u l-konsenja lill-esponenti Caterina Gatt tal-prelegati tal-fond 14 u 15, Muxi Square, Zebbuġ, u tan- nofs indiviż tal-għalqa Ta’ Bajdun, fil-limiti ta' Haż-Zebbuġ, kif deskritti fir-raba' artikolu tat-testment *unica charta* pubblikat min-Nutar Dottor Jeannette Laferla Saliba tal-14 ta' Jannar 1979;

5. Taqsam il-bqija tal-ġid ta' Francesco Saverio Sciortino u Angela Sciortino f'erba' porzjonijiet, u tassenja lill-kontendenti l-porzjoni rispettiva, okkorrendo bl-assistenza ta' perit arkitett;

6. F'każ li jirriżultaw xi beni li mhumiex komodament diviżibbli, tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni ta' dawk il-beni, bl-ammissjoni ta' offerenti barranin taħt dawk il-

provvedimenti xierqa u opportuni, u tordna wkoll li r-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti fis-sehem rispettiv tagħhom;

7. Tinnomina Nutar Pubbliku għall-publikazzjoni tal-att ta' diviżjoni relattiv kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li jibqa' nġunt minn issa għas-subizzjoni''.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti tat-3 ta' Lulju 2013 li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:-

''Illi huwa ma jopponix għad-diviżjoni mitluba;

Illi in kwantu jirrigwarda t-talba għall-immissjoni fil-pussess ta' legati din hija preskritta għat-tenur tal-artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi in oltre josta għall-parti tat-talbiet tal-attur il-ġudikat fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tat-3 ta' Ottubru, 2008 fl-istess ismijiet stante li l-art li ġiet trasferita lill-konvenut Alfred Sciortino tappartjeni lill-istess Alfred Sciortino u ma tifformax parti mid-diviżjoni;

Illi inoltre anke kieku kellha tittieħed in konsiderazzjoni din l-art fid-diviżjoni trid tittieħed in konsiderazzjoni kull proprieta legata jew trasferita mill-ġenituri lill-kondividendi;

Illi dwar id-dikjarazzjonijiet fil-paragrafu wieħed sa tlieta tar-rikors promotur ma hemmx kontestazzjoni;

Illi fir-rigward tal-fatti fir-raba paragrafu tħallew legati imma mhux prelegati lill-werrieta u dan evidentement akkont ta' sehemhom;

Illi fir-rigward tal-ħames paragrafu tad-dikjarazzjoni illum kull talba għall-imissjoni fil-pussess hija preskritta bil-preskrizzjoni ta' għaxar snin mill-mewt tad-decujus;

Illi fir-rigward ta' dak dikjarat fis-sitta u seba paragrafi kien nuqqas tal-attturi li l-partijiet ma wasslux għall-qasma u mhux nuqqas tal-konvenut;

Illi l-esponent ma għandux jbati spejjeż tal-kawża.

Salvi eċċezzjonijiet oħra billi t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt''.

Rat is-sentenza parzjali mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-9 ta' Novembru 2018;

Rat ir-rapport tal-Perit inkarigat minn din il-Qorti, ppreżentat fis-27 ta' Jannar 2022;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta' Novembru 2022 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

L-Atturi fetħu din il-kawża kontra ħuhom Alfred Sciortino.

Huma qed jitolbu l-likwidazzjoni tal-assi ereditarji rispettivi tal-ġenituri tagħhom Francesco Saverio Sciortino u Angela Sciortino neè Cascun (l-ewwel talba). Dan sabiex dawn l-assi jiġu mqassma f'erbgħa porzjonijiet u jiġu assenjati lill-kontendenti rispettivament (ħames talba u seba talba), jew, f'każ li jirriżulta li xi beni m'humiex komodament diviżibbli, jiġi ordnat il-bejgħ tagħhom b'liċitazzjoni (sitt talba). L-Atturi qed jitolbu wkoll il-kundanna tal-konvenut għal ħlas u konsenja lilhom tal-prelegati mħollija favur mill-istess ġenituri (tieni, tielet u raba talba).

Permezz tas-sentenza parzjali mogħtija fid-9 ta' Novembru 2018, din il-Qorti diversament presjeduta laqgħat l-ewwel talba għal likwidazzjoni tal-assi ereditarji u "*ddikjarat li l-assi ereditarji tal-konjuġi Sciortino, ġenituri tal-kontendenti huma s-segwenti:*

- *il-fondi 53 u 54, Triq Sidtna tal-Anġli, Żebbuġ;*
- *il-ġnien anness mal-fondi 53 u 54, Triq Sidtna tal-Anġli, Żebbuġ;*
- *l-għalqa "Tan-Nanna" (kejl 1T-1S-5K), tal-Ħrieri, Żebbuġ;*
- *l-għalqa "Il-Wejla" (kejl 3T-5S-5K), tal-Ħrieri ta' fuq, Żebbuġ;*
- *l-għalqa "tat-Torri" (kejl 1T-5S-3K), tal-Ħrieri t'isfel sive ta' Karċeppu, Żebbuġ;*

- *l-għalqa "Ta' Bajdun", (kejl 8T) Żebbuġ;*
- *il-fond 14 u 15, Triq Muxi, Żebbuġ;*
- *€3,286.90 f'kont bankarju fl-HSBC.*"

Dik il-qorti iżda ddeċidiet li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni, tielet u r-raba' talbiet "*stante li l-immobbli msemmija fihom diġa' jinsabu fil-pussess tal-prelegatarji relattivi*" u għaddiet biex tiddikjara li "*t-tieni parti tal-ħames (5) talba u l-kumplament tat-talbiet jiġu deċiżi fi stadju ulterjuri wara li din il-Qorti jkollha l-fehmiet tekniċi fuqhom. L-ispejjeż jibqgħu riservati għall-ġudizzju finali.*"

L-istess Qorti laqgħat ukoll l-ewwel parti tal-ħames talba għal qsim tal-assi f'erbgħa porzjonijiet, u ddikjarat li;

*"l-kontendenti għandhom kwart (¼) indiviż kull wieħed mid-depożitu bankarju fl-HSBC fl-ammont ta' €3,286.90 u kwalsiasi imgħaxijiet li ddekorrew fuqu mill-2014 'l hawn, u li fir-rigward tat-tliet għelieqi f'Tal-Ħrieri magħrufa bħala Tan-Nanna, Il-Wejba u tat-Torri, l-ishma tagħhom huma kif ġej:*

*<u>Tan-Nanna</u>:*

*Giuseppe:* $^{14}/_{48}$

*Alfred:* $^{14}/_{48}$

*Caterina:* $^{10}/_{48}$

*Filippa:* $^{10}/_{48}$

*<u>Il-Wejba</u>:*

*Giuseppe:* $^{31}/_{100}$

*Alfred:* $^{31}/_{100}$

*Caterina:* $^{19}/_{100}$

*Filippa:* $^{19}/_{100}$

*<u>Tat-Torri</u>:*

*Giuseppe:* $^{31}/_{100}$

*Alfred:* $^{31}/_{100}$

*Caterina:* $^{19}/_{100}$

*Filippa:* $^{19}/_{100}$"

Dawn il-fehmiet tekniċi ġew hekk provduti fir-rapport tal-perit nkarigat minn din il-Qorti li ġie preżentat fis-27 ta' Jannar 2022 (a' fol 348).

Imiss issa għal din il-Qorti li permezz ta' din is-Sentenza tiddetermina u tiddeċidi t-talbiet rimanenti li, kif ġie dikjarat fis-Sentenza parzjali, jikkonsistu f*it-tieni parti tal-ħames (5) talba* [assenjazzjoni lill-kontendenti tal-porzjoni rispettiva] *u l-kumplament tat-talbiet*' li huma t-talba numru 6 għal bejgħ b'liċitazzjoni "*f'każ li jirriżultaw xi beni li mhumiex komodament diviżibbli*" u t-talba numru 7 għal nomina ta' Nutar Pubbliku għall-pubblikazzjoni tal-att ta' diviżjoni relattiv u kuraturi sabiex jirrapreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att.

**<u>Punti ta' Liġi</u>**

Din il-kawża hija waħda ta' diviżjoni magħrufa bħala *actio familae erciscundae* għaliex tittratta qasma ta' ġid li ġej mill-wirt tal-ġenituri tal-kontendenti Francesco Saverio u Angela konjuġi Sciortino. Is-suċċessjoni tal-omm hija regolata bit-testment unica charta tal-14 ta' Jannar 1979 fl-atti tan-Nutar

Jeanette Laferla Saliba (a' fol 17), filwaqt li s-suċċessjoni tal-missier hija regolata bit-testment datat 28 ta' Ottubru 1987 fl-atti tan-Nutar Joseph H. Saydon (a' fol 13).

Il-Kunsiderazzjonijiet legali marbutin ma' din l-azzjoni ġew delinjati mill-**Qorti Ċivili Prim' Awla fis-sentenza Paul Camilleri pro et noe vs Frank Camilleri datata 10 ta' Jannar 2008**:

"*Illi mill-prinċipji ewlenin li jirregolaw il-qsim ta' wirt, wieħed jislet ir-regola li l-qasma tal-ġid għandha ssir kif trid il-liġi. F'azzjoni għall-qasma tal-ġid li ġej minn wirt (magħrufa bħala l-actio familiae erciscundae), il-liġi (Art. 907 tal-Kap 16) tordna li għandhom jitħarsu r-regoli tal-qasma tal-beni in komun u tal-liċitazzjoni, fejn ikun il-każ. Fost il-prinċipji li jirregolaw il-qasma ta' ġid in komun, wieħed isib li (a) kull wieħed mill-komproprjetarji għandu jedd li jitlob li jinħall mill-komunjoni ta' ġid ma' ħaddieħor (Art. 496(1) tal-Kap 16), ċkejjken kemm ikun ċkejjken sehemu minn dak il-ġid (P.A. TM* ***20.3.2003*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***John Ellul et vs Vinċenza Cassar et****); (b) kull wieħed mill-komproprjetarji għandu jedd jieħu s-sehem tiegħu ta' ġid in natura (Art. 502 tal-Kap 16); (ċ) f'kull sehem għandha tiddaħħal l-istess kwantita' ta' mobbli, immobbli, jeddijiet jew krediti tal-istess xorta u tal-istess valur (Art. 504 tal-Kap 16); u (d) li l-ishma hekk formati għandhom, bħala regola, jittellgħu bix-xorti jekk l-ishma li jkunu qegħdin jinqasmu jkunu ndaqs (Art. 510(1) tal-Kap 16). Jibqa' l-fatt li kull każ ikollu l-fattispeċi tiegħu b'mod li "kull każ irid jiġi eżaminat singolarment fil-meriti tiegħu proprji" (P.A. PS* ***30.1.2003*** *fil-kawża fl-ismijiet* ***Charles Camilleri noe vs Amy Baldacchino et****);*"

**Konsiderazzjonijiet**

Jirriżulta paċifiku li, kif iddikjarat il-Qorti fis-sentenza parzjali, "*l-fondi 53 u 54 f'Triq Sidtna tal-Anġli u l-ġnien ta' miegħu, il-fond 14/15 fi Triq Muxi, u l-għalqa "Ta Bajdun" kollha effettivament jinsabu fil-pussess tal-prelegatarji li lilhom ġew imħollija rispettivament.*" (ara sentenza a' fol 301).

Fir-risposta maħlufa tiegħu, l-Intimat qed jinsisti li "*fid-diviżjoni trid tittieħed in konsiderazzjoni kull proprjetá legata jew trasferita mill-ġenituri lill-kondividendi*" (ara fol 33). Ir-raġuni għal dan jidher li ġiet mogħtija fir-risposta preżentata minnu fis-16 ta' Lulju 2019 (a' fol 328) għar-rikors tal-Atturi preżentat fl-20 ta' Ġunju 2019 (a' fol 325) u ċioè li "*fejn il-legat jikkontempla li l-legatarju jħallas kumpens jeħtieġ li dan jiġi determinat u jitħallas.*" Dan il-kumpens huwa kontemplat fit-tielet artikolu tat-testment unica charta li jirregola s-suċċessjoni tal-omm Angela Sciortino. Hemm ġew mħollija żewġ prelegati, wieħed favur l-Attur Giuseppe Sciortino u l-ieħor favur il-Konvenut Alfred Sciortino.

Favur l-Attur Giuseppe Sciortino ġie mħolli l-fond numru 54 Our Lady of Angels Street, Ħaż-Żebbuġ bil-garage u l-arja ta' fuqu, il-bitħa ta' wara l-garage, kamra ġol bitħa b'żewġ għorof fuqha u l-arja ta' fuqhom; u l-arja ta' fuq il-fond numru 53 Our Lady of Angels Street, Ħaż-Żebbuġ u nofs il-parti ta' fuq tal-ġnien fuq in-naħa tal-garage numru 54 tal-istess triq.

Favur il-Konvenut Alfred Sciortino ġie mħolli l-fond numru 53 Our Lady of Angels Street, Żebbuġ mingħajr l-arja tiegħu u nofs il-parti ta' fuq tal-ġnien fuq in-naħa tal-fond imsemmi b'żewġt ikmamar, f'din il-parti tal-ġnien. Dan il-fond numru 53

Our Lady of Angels Street, Żebbuġ jikkonsisti f'entrata f'żewġt ikmamar fuq it-triq u tnejn oħra warajhom u toilet.

Iż-żewġ prelegatarji Giuseppe u Alfred Sciortino ġew ordnati "*jaqsmu il-beni lilhom imħollija a spejjeż bin-nofs bejniethom; Il-fondi iridu ukoll jiġu stmati minn Perit Arkitett u qwalunqwe differenza ta' valur tal-beni imħollija għandha tiġi ekwiparata bi flus bejn iż-żewġ prelegatarji*".

Għalhekk u in osservanza tad-digriet ta' din il-Qorti tat-3 ta' Diċembru 2019 (a' fol 334), l-Perit maħtur minn din il-Qorti ivvaluta wkoll dawn il-fondi għalkemm diġa qiegħdin fil-pussess tal-prelegatarji.

L-Atturi iżda jissottomettu li l-ekwiparazzjoni għandha ssir fi żmien li saret il-qasma fiżika tal-fondi fis-sena 1991 skont kif mifthema bejniethom fl-iskrittura tat-2 ta' Ottubru 1990 (a' fol 45) u għalhekk skont il-valuri stmati mill-Perit Refalo fir-rapport tiegħu datat 2 ta' Novembru 1990 (a' fol 48) (ara nota a' fol 404 para 13 sa 15). L-ekwiparazzjoni skont dik l-istima tammonta għal LM1,800 (LM5,100 – LM3,300) ekwivalenti għal €4,193.

Il-Konvenut madanakollu jissottometti li "*Għall dak li għandu jitħallas b'kumpens dan għandu jiġi stmat skond ma jkun l-iżjed eqreb id-data għal dik tas-sentenza billi kull stima li setgħet saret qabel neċessarjament tidher li ma ġietx implimentata mill-partijiet. Għalhekk f'dan il-każ hija l-istima li saret mill-perit tal-Qorti li għandha tiġi applikata u xejn ieħor.*" (ara nota a' fol 410). L-ekwiparazzjoni skont l-istima tal-Perit maħtur mill-Qorti tammonta għal €42,000 (€660,000 - €618,000).

Din il-kontenzjoni titratta l-mertu tat-tieni talba ġia deċiża fis-sentenza parzjali tad-9 ta' Novembru 2018. Ma huwiex kompitu ta' din il-Qorti li tinoltra ruħha dwarha. Dak huwa kompitu tal-Qorti tal-Appell f'każ li xi ħadd mill-kontendenti jagħżel li jeżerċita dan id-dritt fil-konfront ta' din it-talba. Din il-Qorti hija tenuta toqgħod fuq dak hemm deċiż minnha kif diversament komposta. Il-kompitu tagħha huwa biss li tikkunsidra t-talbiet rimanenti, jiġifieri t-tieni parti tal-ħames talba (l-assenjazzjoni tal-porzjonijiet maqsuma fis-sentenza parzjali skont l-ewwel parti tal-ħames talba), is-sitt talba (il-bejgħ b'liċitazzjoni f'każ li xi beni m'humiex komodament diviżibbli) u s-sebgħa talba (in-nomina ta' Nutar għall-pubblikazzjoni tal-att ta' diviżjoni u kuraturi in rappreżentanza tal-eventwali kontumaċi).

**<u>L-assenjazzjoni tal-porzjonijiet maqsuma fis-sentenza parzjali (it-tieni parti tal-ħames talba)</u>**

Il-beni li għandhom jiġu assenjati lill-kontendenti huma dawk imqassma fis-sentenza parzjali in determinazzjoni tal-ewwel parti tal-ħames talba, jiġifieri kwart (1/4) indiviż kull wieħed mid-depożitu bankarju fl-HSBC fl-ammont ta' €3,286.90 u kwalsiasi imgħaxijiet li ddekorrew fuqu mill-2014 'l hawn, u t-tliet għelieqi f'Tal-Ħrieri, limiti tas-Siġġiewi, magħrufa bħala Tan-Nanna, Il-Wejba u tat-Torri kif ġej:

**<u>Tan-Nanna</u>:**

Giuseppe: $^{14}/_{48}$

Alfred: $^{14}/_{48}$

Caterina: $^{10}/_{48}$

Filippa: $^{10}/_{48}$

**<u>Il-Wejba</u>:**

Giuseppe: $^{31}/_{100}$

Alfred: $^{31}/_{100}$

Caterina: $^{19}/_{100}$

Filippa: $^{19}/_{100}$

**<u>Tat-Torri</u>:**

Giuseppe: $^{31}/_{100}$

Alfred: $^{31}/_{100}$

Caterina: $^{19}/_{100}$

Filippa: $^{19}/_{100}$

Ġie konkluż mill-perit komputista fil-paragrafu 5.07 tar-rapport tiegħu li "*mhuwiex prattiku li l-egħlieqi magħrufa bħala "Tan-Nanna" u "Tat-Torri" jinqasmu f'porzjonijiet determinati skond id-deċiżjoni in parte ta' din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta, u dan prinċipalment għaliex ser iwassal għall-frammentazzjoni ta' għelieqi li diga huma pjuttost żgħar. Barra minn hekk, biex isir da il-qsim jinħolqu diversi drittijiet, servitujiet u passaġġi minn fuq proprjetá għal-oħra.*" (ara fol 364).

Il-Qorti sejra toqgħod fuq dawk hawn konkluż, kif mhux lanqas kontestat mill-partijiet, u tiddikjara li l-egħlieqi magħrufa bħala "Tan-Nanna" u "Tat-Torri" ma jistgħux jiġu diviżi komodament u mingħajr diskapitu kif irid l-artikolu 515 (1) tal-

Kap. 16. Għaldaqstant sejra tordna l-bejgħ tagħhom b'liċitazzjoni bil-prezzijiet stmati mill-Perit tekniku.

Ġie wkoll konkluż mill-perit komputista fil-paragrafu 5.08 tar-rapport tiegħu li "*l-għalqa magħrufa bħala 'Tal-Wejba' hija komodament diviżibbli bejn il-partijiet skont l-ishma dettati fid-deċiżjoni in parte tal-istess Onorabbli Qorti diversament preseduta. Huwa qiegħed jippreżenta qasma skematika (Dok. MA 8) [fol 394] biex juri dan, iżda jgħid li qasma aktar preċiża tkun trid tiġi bbażata fuq survey dettaljat magħmul minn land surveyor ikkwalifikat.*" (ibid.)

Kif insenjat fis-sentenza **Paul Camilleri pro et noe vs Frank Camilleri** fuq ċitata, d-dritt ta' kull komproprjetarju li jieħu sehem in-natura a tenur tal-artikolu 502 tal-Kap. 16 huwa wieħed mill-prinċipji ewlenin li jirregolaw il-qism ta' wirt sabiex din issir kif trid il-liġi.

L-Atturi iżda ssottomettew fiċ-ċar li m'għandhomx interess li dan id-dritt jiġi eżerċitat. Dan tant li fin-nota tagħhom kwotaw numru ta' sentenzi sabiex isostnu l-pożizzjoni tagħhom li din l-għalqa wkoll għandha, bħat-tnejn l-oħra, tiġi dikjarata mhux komodament diviżibbli u liċitata bil-prezzijiet stmati mill-Perit Tekniku (ara nota a' fol 404 sa 407). L-Atturi jinsistu, għal raġunijiet hemm indikati, li "*din il-konklużjoni telimina kull possibilitá ta' aktar dewmien fil-likwidazzjoni u l-qasma tal-wirt tal-konjuġi Sciortino, wara aktar minn 30 sena mill-mewt tal-aħħar wieħed fosthom.*" (ara para 18 fol 407).

Dan id-dritt mogħti bl-artikolu 502 tal-Kap. 16 ma ġiex invokat mill-konvenut u di fatti ma ssottometta xejn f'dan ir-rigward fin-nota risponsiva tiegħu (ara nota a' fol 409). B'hekk il-Qorti fid-dawl ta' kemm damet din l-Kawża u anke tax-

xewqa tal-partijiet fhemet li anke dan il-konvenut ma hux jinsisti li jirċievi sehemu mill-beni n-natura.

Issa artikolu 681 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jiddisponi li *"Il-qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha*". Dan l-artikolu ġie spjegat li jfisser hekk:

*"Huwa minnu illi skond l-Artikolu 681 tal-Kapitolu 12 il-Qorti ma hijiex tenuta jew marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tal-perit u li, bhal materjali istruttorji ohrajn huma kontrollabbli mill-gudikant, kontra l-konvinzjoni taghha nfisha. "Dan pero` ma tistax taghmlu b' mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami" Anzi, gie wkoll sewwa ritenut illi "f' cirkostanzi bhal dawn ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni peritali. Dana mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenement jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-meritu, imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b' mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkunu waslu ghalih l-esperti minnu nominati"* – (Ara **Sentenzi "Benjamin Camilleri nomine -vs- Charles Debattista nomine", Appell, 9 ta' Frar 2001. U "Philip Grima -vs- Carmelo Mamo et nomine", Appell, 29 ta' Mejju 1998**). Din il-Qorti taqbel ma dan ir-raġunament iżda iżżid tgħid li hemm lok li din il-Qorti tiddipartixxi mill-konklużjonijiet peritali jekk il-partijiet ikunu fi qbil li jridu mod ieħor.

Għalhekk il-Qorti sejra għaldaqstant tiddeċiedi skont ir-rieda tal-partijiet u tordna li din l-għalqa magħrufa bħala 'Tal-Wejba' tiġi wkoll mibjugħa b'liċitazzjoni bil-prezzijiet stmati mill-Perit Tekniku

**<u>Decide</u>**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tilqa t-tieni parti tal-ħames talba attriċi** billi tassenja li kull wieħed mill-aħwa Sciortino kwart (1/4) mid-depożitu bankarju fl-HSBC fl-ammont ta' €3,286.90 u kwalsiasi imgħaxxijiet li ddekorrew fuqu mill-2014 'l hawn;

**Tilqa' s-sitt talba attriċi** u tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni ta' l-egħlieqi magħrufa bħala 'Tan-Nanna', 'Tal-Wejba', u 'Tat-Torri' fil-kontrada tal-Ħrieri, limiti tas-Siġġiewi bl-ammissjoni ta' offerti barranin, u bil-prezzijiet stmati mill-Perit Mario Axisa fil-paragrafi 5.04, 5.05 u 5.06 tar-relazzjoni tiegħu u tordna wkoll li r-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti fil-kwoti rispettivi tagħhom kif ġa determinati minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza parzjali tad-9 ta' Novembru 2016.

**Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-seba' talba** billi mhix meħtieġa**;**

**L-Ispejjeż** tal-kawża jinqasmu bejn il-partijiet kwart kull wieħed.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**